TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Karm Borg Magro**

**Vs**

**Paul Ciappara**

**CCT 113/24/MM**

**Illum,** 18 ta' Frar 2025

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrent ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2025 fejn talab is-somma ta' tmien mija disgħa u tmenin u sitt ċenteżmi ewro (€889.06), rappreżentanti l-ispiża li nefaq biex jibdel it-*timing chain* u spejjeż relatati biex issir it-tiswijja fil-magna tal-vettura tiegħu.

Ra r-risposta tal-intimat.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrent jispjega li fit-8 ta' Novembru 2024 huwa mar għand l-intimat biex jibdel it-*timing chain*. Ftit ġimgħat wara li sar ix-xogħol innota li kien hemm ħafna żejt ħiereġ mit-*timing cover.* Illi huwa pprova jilħaq kompromess mal-intimat iżda ma wasal imkien. Illi

eventwalment huwa kien bidel il-*head gasket* huwa stess bl-għajnuna ta' ħabib tiegħu stante li kieku mar għand mekkanik kien ser jidħol fi spiża kbira.

Illi l-intimat irrisponda billi qal li huwa għamel xogħolu skont is-sengħa u l-arti u dan huwa kkonfermat mir-rikorrenti stess tant illi fuq il-Facebook kien kiteb *"ix-xogħol tat-timing huwa għamlu tajjeb, il-problema meta tiġi biex jgħalaq it-timing cover kisser gasket li biex terġa tibdilha trid taqla kważi kollox".* Illi l-intimat jispjega li l-prezz ta' xogħolu kien ta' sitt mija u ħamsa u sebgħin ewro (€675), u għalhekk la darba x-xogħol sar tajjeb, l-intimat ma jistax jippretendi rifużjoni ta' dan ix-xogħol li sar tajjeb. Illi l-intimat isostni li huwa ma kkaġuna l-ebda ħsara u spjega li l-użu ta' prodott bħalma huwa *engine sealer* huma mhux biss normali, iżda f'bosta każijiet huwa rakkomandat, fit-tiswija tal-karozzi, mill-manifatturi stess, tant li kull magna moderna li toħroġ mill-fabrika llum il-ġurnata jkollha *engine sealent* f'diversi postijiet u ftit li xejn għadhom jintużaw *gaskets* tradizzjonali.

**Ikkunsidra**

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana

Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

**Ikkunsidra**

Ir-rikorrent qabbad lill-konvenut, mekkanik, biex jibdel il-katina tal-vettura tiegħu. Ftit ġimgħat wara t-tiswija, ir-rikorrent innota tnixxija taż-żejt mit-*timing cover*. Huwa sostna li t-tnixxija kienet kawża ta' trakuraġni da parti tal-intimat li kisser *gasket* meta kien qed jagħmel l-assemblaġġ u pprovda diversi ritratti bħala evidenza. Illi l-intimat isostni li wettaq ix-xogħol b'mod professjonali u skont l-istandards tal-industrija. Irrimarka li l-attur innifsu inizjalment irrikonoxxa f'post fuq Facebook li x-xogħol tat-*timing chain* sar kif suppost.

Illi t-Tribunal jifhem li l-intimat ġie mitlub jibdel il-katina kif fil-fatt għamel. Illi m'huwiex kontestat li r-rikorrent innota it-tnixxija taż-żejt ftit taż-żmien wara li l-intimat bidel it-*timing chain* u fil-fatt il-partijiet jaqblu li r-rikorrent kien talab lill-intimat biex isiblu soluzzjoni, liema soluzzjoni li japplika *engine sealent* ma kinietx intogħġbot mir-rikorrenti. Illi filwaqt li l-intimat isostni li aġixxa skont l-istandards tal-industrija, l-abbilità professjonali tinkludi li jiġi żgurat li l-assemblaġġ mill-ġdid ma jwassalx għal kwistjonijiet prevedibbli, partikolarment dawk li jkunu jeħtieġu xogħol addizzjonali ftit wara x-xogħol inizjali. Il-fatt li l-magna kellha tinfetaħ mill-ġdid fi żmien ftit ġimgħat iqajjem tħassib dwar il-kwalita' tal-proċess ta 'assemblaġġ mill-ġdid wara li nbidlet it-*timing chain.* Għalhekk, il-kwistjoni ewlenija hija jekk it-tnixxija taż-żejt mill-għatu irriżultax minn xi difett jew negliġenza matul l-assemblaġġ mill-ġdid u x'konsegwenza kellu dan il-fatt din fuq l-

integrita' tal-vettura. Il-mistoqsijiet ewlenin huma, hija normali jew aċettabli li jnixxi ż-żejt mit-tapp tal-*head gasket* wara li jsir xogħol fuq it-*timing chain*? U kemm hija serja din il-problema?

Illi t-Tribunal m'għandux għarfien espert mekkaniku u ma jistax jivverifika b'mod indipendenti l-kawża tat-tnixxija jew jekk ix-xogħol tal-konvenut kienx difettuż. L-attur ma ppreżentax rapport ta' espert indipendenti jew talab lit-Tribunal biex jaħtar espert tekniku, li kien ikun meħtieġ biex tiġi stabbilita b'ċertezza risposta għad-domandi li għamel dan it-Tribunal. Illi mingħajr kontribut ta' espert, it-Tribunal ikollu jibbaża ruħu fuq l-ispjegazzjonijiet li jagħtu l-partijiet.

Illi t-Tribunal jinnota li l-ispjegazzjonijiet tekniċi tal-intimat jidhru aktar plawżibbli, u m'hemm l-ebda raġuni konvinċenti biex jiġu skartati jew miċħuda. L-attur ipproċeda biex jirrimedja l-kwistjoni huwa stess, u ħadem fuq il-karozza tiegħu bl-għajnuna ta' sieħbu. Din toħloq kumplikazzjoni oħra għat-Tribunal biex jiddetermina r-responsabbiltà. Illi dan l-allegat ħabib tar-rikorrent ma ġiex mitlub jixhed u r-ritratti ppreżentati mill-attur ma jistgħux jiġu invokati biex jipprovaw li l-ħsara kienet teżisti qabel l-intervent tiegħu stess u dan stante li m'hemmx prova tad-data' ta' meta inġibdu. Illi l-fatt li r-rikorrenti ħadem fuq il-vettura tiegħu stess meta dan m'għandux il-ħiliet meħtieġa, toħloq possibbiltà reali li xi wħud mill-allegati danni rriżultaw mill-azzjonijiet tal-attur stess, partikolarment peress li mhuwiex mekkanik kwalifikat u seta' wettaq tiswijiet mhux meħtieġa jew skorretti.

Illi l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-attur, u fin-nuqqas ta' provi ċari u indipendenti, it-Tribunal ma jistax isib tort fl-intimat. Illi filwaqt li l-intimat kien dejjem ċar u konsistenti, ma nġabet l-ebda prova mir-rikorrent sabiex jispjega għaliex ma kienx komdu bis-soluzzjoni li offra l-intimat u ċioe' li japplika *engine sealent* kull fejn kien hemm xi żejt qed inixxi. Għalhekk hemm il-possibilita' li l-intimat daħal fl-iżbriga li jerġa jaqla kollox mingħajr ma kien hemm bżonn u fl-istess waqt jikkawża danni fuq il-magna stante li ma kellux il-kompetenza li jidħol għal dan ix-xogħol.

It-Tribunal huwa tal-fehema li r-rikorrenti naqas milli jistabbilixxi, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, li l-konvenut kien responsabbli għad-danni li qiegħad jitlob u għalhekk it-talba ser tiġi miċħuda minħabba nuqqas ta' evidenza suffiċjenti.

**Deċiżjoni**

Ghall-motivi senjalati dan it-Tribunal qiegħad jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**